# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 54/24/F

**Mark Anthony Debono**

**vs**

**Chanlai Autodealers – Conrad Galea u Alfred Mansueto**

Illum, 2 ta' Mejju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-5 ta' Marzu 2024;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar l-4 ta' April 2024;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tad-29 ta' April 2024;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) rappreżentanti spejjeż illi huwa għamel sabiex jirrimedja problemi serji li kien hemm fil-pajipjiet tal-brejkijiet ta' karozza Toyota Vitz tas-sena 1999 li huwa xtara mingħand l-azjenda intimata u

difetti oħrajn. Jispjega li minħabba dawn id-difetti, l-karozza ma kienitx fi stat tajjeb għat-triq tant li falliet il-VRT.

Illi r-rikorrent ikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament u ppreżenta fattura maħruġa minn Splendid Garage għal *parts* u *labour* sabiex jiġi rimedjati d-difetti kollha li kellha l-vettura u tinġieb fi stat utilizzabbli. Din il-fattura tammonta għal €500 u €90 VAT. Ir-rikorrent illimita t-Talba tiegħu għal €500.

Illi l-azjenda intimata ippreżentat Risposta fejn fiha jtenni li l-azzjoni tar-rikorrent hija preskritta, li l-fatt li l-vettura weħlet mill-VRT mhuwiex prova konklussiva ta' difetti u li jekk il-vettura tabilħaqq kellha difetti, dawn ċertament ma kienux moħbija.

Illi minkejja li ppreżentat Risposta, l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma deher għas-seduta tad-29 ta' April 2024 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti tagħha.

Illi bis-silenzju tagħha, is-soċjetà intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur;

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' €500 magħmula mir-Rikorrent kif sostnuta mill-ispjegazzjoni tiegħu bil-ġurament u mill-fattura eżebita in atti, għandha mis-sewwa u għalhekk, timmerita akkoljiment.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrent s-somma ta' ħames mitt Euro (€500).**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***